MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 47/2011

Appell numru 47 & 67/2011

Il-Pulizija

versus

Duncan Fenech u Daniel Schembri

Illum 2 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellanti Duncan Fenech u Daniel Schembri, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Fit-18 ta' Novembru 2006 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, f'stabbiliment San Giljan:

1. zammew jew esercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew local iehor jew ta' xi parti minnhom li huma frekwentati jew maghduda bhala li huma frekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali – bi ksur tal-Artikolu 1(3) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. bhala l-persuni responsabbli minn hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali – bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. bhala sidien jew bhala l-persuni li kellhom f'idejhom l-amministrazzjoni ta' dar jew fond iehor xjentement taw b'kiri jew ippermettew l-uzu taghhom ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali – bi ksur tal-Artikolu 10 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. bhala operaturi ta' attivitajiet turistici hallew il-post f'xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew il-moralita' pubblika – bi ksur tal-Artikolu 7 tal-A.L 128/2002;

5. impjegaw jew taw xoghol lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti u li ma jkollix licenzja moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew b'mod iehor ghenu jew assistew lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub fl-Artikolu 23 tal-istess Att – bi ksur tal-Artikolu 32(1)(b) tal-istess Att;

6. impjegaw persuna minghajr licenzja – bi ksur tal-Artikolu 5(9) tal-A.L 205 tal-2004;

7. bhala impjegati impjegaw xi persuna li ma kinitx cittadin ta' Malta liema persuna ma kelliex permess tax-xoghol – bi ksur ta' l-Artikolu 7, A.L 1993;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' kundanna ghal reat that l-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta' liema jkun sar r-reat skond l-Artikolu 14 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba wkoll li f'kaz ta' kundanna ghal reat tordna s-sospensjoni jew it-thassir ta' kull licenzja mizmuma minn Paul Jason Degiorgio u li tkun relattiva ghal kummerc jew negozju jew relativ ghal xi post tan-negozju fejn kienet impjegata dik il-persuna imsemmija aktar 'l fuq u dana skond l-Artikolu 7 tal-Avviz Legali 110 tan-1993;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar, 2011, fejn il-Qorti sabet l-imputati mhux hatja tal-ewwel erba akkuzi. Pero' sabithom hatja tal-hames, s-sitt u s-seba' akkuzi. Rat l-Artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217, r-regolament 5(9) 205/2004, 7 tal-Avviz Legali 110/1993 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap 9 u ikkundannathom flimkien u komplessivament l-ammont ta' hames t'elef Ewro.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Duncan Fenech u Daniel Schembri pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Frar, 2011 fejn talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellate billi tikkonfermaha fil-parti fejn l-esponenti instabu mhux hatja ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba akkuza, filwaqt li tbiddel is-sentenza billi tillibera lill-esponenti mill-hames, is-sitt u s-seba` akkuza.

Rat ir-rikors tal-appell ta l-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Frar, 2011 li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja skond il-hames, is-sitt u s-seba` imputazzjoni;
2. Thassarha u tirrevokaha f'dik il-parit fejn illiberat lill-imputati mill-ewwel erbgha imputazzjonijiet u minflok issib lill-imputati hatja u tinfliggi kontra l-istess appellati il-piena idonea skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji ta' l-appellanti Duncan Fenech u Daniel Schembri li huma is-segwenti:

1. Illi l-esponenti nstabu hatja tal-hames, is-sitt u s-seba akkuza u dan talli impjegaw jew taw xoghol lil tlett tfajliet ingaggati bhala 'dancers, entertainers jew animators' gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'AO Platinum' gewwa San Giljan minghajr il-licenzja rikjesta mill-ligi. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u dan stante li hekk kif irrrizulta mix-xhieda tar-rapprezentatn tal-Employment and Training Corporation u mid-dokumenti prodotti jirrizulta li l- imsemmmija tfajliet kellhom il-permess necessarju sabiex jahdmu gewwa Malta ghalhekk l-imputati qatt ma setghu jigu misjuba hajta tal-imsemmi akkuzi;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-Onorabbli Qroti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza taghha datata 24 ta' Jannar, 2011 kienet zbaljata meta kkundannat lill-esponenti

Duncan Fenech u Daniel Schembri, flimkien u komplessivament fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000). Illi ma tezistix fid-dottrina tad-dritt kriminali li l-Qorti tikkundanna lill-imputati flimkien u komplessivament minghajr ma' tindika fuq liema fatti kull wiehed mill-imputati qed jinstab hati, hekk kif gara fil-kaz odjern. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ebda waqt fis-sentenza hawn citata, ma tindika fuq liema fatti l-esponenti Duncan Fenech jew Duncan Schembri qeghdin jinstabu hatja, minflok iddecidiet billi sabet lill-appellanti hatja flimkien u komplessivament;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kkundannat lill-espoenenti fl-ammont komplessiv ta' hames t'elef Ewro (€5,000) minghajr ma' ndikat kif waslet ghal dan l-ammont komplessiv;

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali li huma is-segwenti:

Illi fl-1 ta' Frar, 2011 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom inkwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghmlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi a bazi ta' l-artikolu 413(1)(c) tal-Kap 9.

Illi l-esponent umilment jghid li l-Ewwel Qorti fis-sentenza ghamlet apprezzament zbaljat skond il-ligi ta' x' jikkostitwixxi prostituzzjoni u atti mmorali. Fil-fatt minn qari tas-sentenza l-Ewwel Qorti sempliciment ikkunsidrat li ma ngabet l-ebda prova li fl-istabbiliment in kwistjoni jew f' xi parti minnhu kien ffrekentat ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali dan pero` minghajr ma dahlet funditus fl-elementi ta' dawn ir-reati u partikolarment x' jikkostitwixxi prostituzzjoni atti mmorali etc.

Illi l-epsonent jghamel referenza ghal xi kazistika u gurisprudenza barranija ta' x'inhuma l-elementi fil-ligi ta' 'Prostituzzjoni', 'Prostituta' u 'Atti mmorali'. Fil-fatt 'the essence of prostitution is the making of an offer of sexual services for reward, and that is immaterial that the person making the offer does not intend to perform them and does not do so'. 'Prostitiution does not necessarily involve that the woman offers full sexual intercourse. A person who, for example masturbates clients, falls within the definition. Nor is prostitution confined to the case where the person offers his or her body passively. The breath of this definition brings proprietors of massage

parlours where sexual indecencies are practiced, and escort agencies where such practices are encouraged within the section.'

Illi Prostituta 'includes a woman who offers her body commonly for acts of lewdness for payment although there is no act or offer of an act of ordinary sexual intercourse'. Iktar minn hekk 'prostitution is proved if it be shown that a woman offers her body commonly for lewdness for payment in return'. Il-kelma prostitute tirrelata ma' 'someone who is prepared for reward to engage in act of lewdness with all and sundry or with anyone who may hire her for that purpose'. Iktar minn hekk 'it is not necessary that she should have submitted to acts of lewdness in a passive way. Active acts of indecency by the woman herself will fall within this section.' L-esponent jirreferi wkoll ghas-sentenza O'Carroll vs United Kingdom (2005), fejn l-ECHR iddecidiet li 'one cannot use absolute rigidity in the framing of laws on what constitutes indencency and that this is traditionally given a transient definition that could be considered vague but that this is not a breach of Article 7 of the European Convention on Human Rights'.

Illi fil-kaz in dizamina ma hemm l-ebda dubju li t-tfajliet instabu mill-Pulizija jaghmlu pole u lap dancing mal-klijenti rgiel kif stqarru l-appellati stess fl-istqarrijiet esebiti. Fir-rapport bl-isem 'Profitable Exploits Lap Dancing in the UK' huwa spjegat illi lap dancing jirreferi ghall kull tip ta' zfin erotiku bhal zfin fuq imwejjed jew ma arbli. Ir-rapport jghid li lap dancing jista` jkun ukoll 'couch dancing and tailing with the dancer standing over a coustomer set on a couch hanging her breasts over him. The US version of lap dancing requires the woman to straddle the man's lap and rub against him. A variation involves the woman dancing between the customer's legs whilst sliding down in the chair so that her tights are rubbing the customer's genitals as she moves.'

Fl-istess rapport pole dancing hu deskritt bhala 'a cabaret performance in the main club area and is the element most commonly used in TV and film representation'.

Ta min jghid li dan it-tip ta' zfin mhux sempliciment jammonta ghall att libidinuz u zieni, imma dan it-tip ta' zfin ma hu xejn hlief 'an exhibition of wares' accessibbli ghal lap dancing u daqstant iehor huwa smiulazzjoni ta' attivita` sesswali u l-att sesswali nnifsu kif fil-fatt hu lap dancing.

Pole dancing essenzjalment hija zifna minn mara madwar lasta, u timita movimenti li mill-ewwel huma identifikati ma l-att taz-zwieg. Dan it-tip ta' zfin minnu nnifsu jammonta ghal ghemil zieni jew serje ta' ghemil zieni maghmulin bl-istess intenzjoni u fl-istess hin, generalment waqt xi kanzunetta, twila kemm hi twila l-kanzunetta.

Illi z-zewg appellati stqarru fl-istqarrijiet esebiti a fil-117 – 122 li t-tfajliet kienu impjegati biex jaghmlu kemm lap dancing kif ukoll pole dancing kif rat l-Ispettur Louise Calleja stess meta dahlet fl-istabbiliment AO Platinum.

Illi Francesco Carfora fid-Digesto Italiano jghid illi 'atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare I sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine'. Minn dan johrog car li atti ta' libidine huma dawk l-atti kollha 'diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza'. 'The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act'.

Illi ghalhekk l-esponent ma jaqbel xejn mal-konsiderazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti li affarjiet li kienu qeghdin jaghmlu dawn it-tfajliet jistghu jitqiesu bhala atti libidinuzi izda mhux immorali ghal-finijiet tal-Kap 67 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi gie sostnut li 'lewd and immoral activity has been considered to take place where the predominant object and natural effect upon the observers – patrons of one portion of the performance was erotic excitation.'

Huwa propju hawnhekk fejn il-Qorti naqset li taghmel distinzzjonijiet bazici li jwasslu ghal interpretazzjoni tajba tal-ligi. 'There is a difference between dancing and gyrating. There is a difference between dancing and mimicking sexual acts on stage. There is a difference too when a singer wears beachwear or underwear on stage even when the song being performed is not about the beach, swimming or, well, underwear. And a bra and panties are still either a bikini or underwear no matter how much glitter you sew into them.'

Illi inoltre skond il-ligi l-istabbiliment inkwistjoni kienu qed jintuzaw bhal briedel u bhala stabbilimenti ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Ghar-rigward l-interpretazzjoni

liegali ta' prostituzzjoni, dan diga gie spjegat aktar il-fuq u gie spjegat bl-aktar mod car illi skond il-ligi, u mhux skond il-percezzjonijiet, kienet qed titwettaq attivita ta' prostituzzjoni gewwa l-istabbiliment in kwistjoni. Allura dawn l-istabbilimenti in kwistjoni, skond il-ligi, jikkwalifikaw bhala 'burdell' u/jew bhala 'stabbilimenti ghal skopijiet ta' prostituzzjoni'. Fil-fatt gie ritenut illi 'whether premises constitute a brothel is a question of fact and degree: they are not precluded from being a brothel just by the fact, on any one day, only one prostitute is present. Where there is a joint use of premises by a team of women for the purposes of prostitution, the premises constitute a brothel'.

Illi 'it is not necessary (to prove) that there should be evidence of any indecency or disorderly conduct being perceptible from the exterior of the house.' Sabiex l-istabbiliment jigi konsidrat bhala burdell.

Illi 'a brothel is defined as a place where people are permitted to resort for any purpose of unlawful sexual intercourse. It is not necessary that full sexual intercourse be offered there nor is it necessary that payment for such services be made. A brothel may be a house, or a room, or a set of rooms kept for the purposes of prostitution.'

Illi l-Ewwel Qorti zbaljat fl-analizi tal-ligi u l-fatti fejn kien jinvolvi t-tmexxija tal-AO Platinum bhala burdell u t-tqassim tal-profitti minn fuq it-tfajliet bhala prostituti.

Gie sostnut illi meta jkun qed jigi ikkonsidrat individwu huwiex hati li zamm jew mexxa jew qasam ma ohrajn it-tmexxija u kontroll ta' burdell, jew hu jew huma maghrufin li jwasslu ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali anke 'where a porter was employed to look after [such premises] it was held that he could be convicted of being willfully a party to the continued use of the premises or part thereof as a brothel'.

Illi 'a person may be guilty of assisting in the management even though he or she acts in a menial capacity, such as a receptionist. It is however submitted that a purely menial servant, such as a cleaner, who neither admits nor denies admission to others

does not assist in the management. A person may act or assist in a brothel without acting or assisting in its management.'

Illi fil-kaz in ezami sahansitra z-zewg appellati huma s-sidien ta' l-istabbiliment AO Platinum u certament huma meqjusa mill-Ligi skond l-artikolu 8(3) tal-Kap 63 bhala *persuni li għandhom sehem fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, kemm-il darba jiehdu sehem direttament jew indirettament minn xi qligħ ta' dak l-eżerċizzju jew jiehdu parti attiva fl-eżerċizzju ta' burdell, dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom.*

Illi l-esponent bir-rispett kollu jissottometti li:

a. Il-lap dance, pole dance u strip jammonta ghal att libidinuz quddiem il-ligi.
b. Kull persuna li tikkommetti l-ghemil zieni li jikkonsisti fil-lap dancing u pole dancing hija kkonsidrata bhal prostituta quddiem il-ligi.
c. L-istabbilimenti kollha, fejn il-prostituti, jaghmlu l-ghemil zieni ta' lap dancing, pole dancing u strip tease huma briedel quddiem il-ligi.
d. Kull min jassocja ruhu, zamm, mexxa, jippermetti jew ikollu x'jaqsam ma' burdell ghandu jinstab hati tal-ksur tal-ligi.

Ikkunsidrat:

Min din is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tal-elfejn u hdax (2011) (fol 262) appellaw kemm l-imputati Duncan Fenech u Daniel Schembri kif ukoll l-Avukat Generali. Iz-zewg appelli ghal ragunijiet differenti. Il-Qorti però se taghti sentenza wahda bil-kunsiderazzjonijiet taghha li jkopru z-zewg appelli.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmintax (18) ta' Novembru tal-elfejn u sitta (2006) il-pulizija ghamlu raid gewwa l-istabiliment "AO Platinum" li jinsab San Giljan u hemmhekk sabu diversi tfajliet jizfnu, jaghmlu pole dancing u lap dancing mal-irgiel li dak il-hin kienu fl-istess stabiliment bhala klijenti. Gie stabilit li dawn it-tfajliet kienu jippresetaw ruhhom ghal zifniet specjalizzati illi jistghu ghal xi uhud jigu deskritti bhala erotici. Ta' dan kienu jithallsu b'diversi modi, fosthom commissions fuq id-drinks, tips, eccettra. Il-pulizija kellmu liz-zewg appellati Duncan Fenech u Daniel Schembri bhala persuni li kienu responsabbli ghall-gestjoni tal-istabiliment u sussegwentement tressqu l-Qorti akkuzati bir-reati imsemmija fil-bidu ta' dan il-gudikat. B'sentenza moghtija fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tal-elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellati hatja tal-ewwel erba' akkuzi izda sabithom hatja tal-hames, sitt u seba' akkuzi in konnessjoni mar-regolamenti tal-Employment and Training Corporation u ikkundannathom flimkien ghall-multa ta' hames elef ewro (€5,000).

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi ghal dak li jirrigwarda l-elementi ta' prostituzzjoni, atti immorali jew zienja f'lok pubbliku jew accessibbli ghall-pubbliku.

Min-naha l-ohra l-appellati Duncan Fenech u Daniel Schembri ukoll ressqu appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati peress illi deherilhom illi ma kellhomx jinstabu hatja kontra r-regolamenti tal- Employment and Training Corporation peress illi kellhom il-licenzji kollha f'posthom u di più fis-sentenza l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx teroga multa ta' hamest elef ewro (€5,000) flimkien u komplessivament minghajr ma tghid x'kienet ir-responsabiltà individwali taz-zewg imputati. Fit-tielet post il-multa' ta' hamest elef ewro (€5,000) kien esagert.

Il-Qorti l-ewwel se tghaddi biex tikkunsidra l-appell tal-Avukat Generali.

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali beda biex spjega u ta tifsira tal-kelma prostituzzjoni kif tradizzjonalment miftiehem u spjegat fil-ktieb awtorevoli "Archbald / Criminal Pleading" li jghid "The essence of prostitution is the making of an offer of sexual services for reward, and that it is immaterial that the person making the offer does not intend to perform them and does not do so." Ovvjament din il-Qorti m'ghandha xejn x'tikkummenta dwar din it-tifsira u lanqas ma ghandha x'tikkummenta dwar il-bqija tal-ispjegazzjoni tal-elementi ta' prostituzzjoni illi ghamel l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu. Però mill-atti tal-kawza imkien ma irrizulta illi xi tfajla jew tfajliet offrew "sexual services for reward". Huma x'inhuma dawn is-"sexual services" bl-aktar mod vast tal-interpretazzjoni taghhom. Fil-fatt l-Ispettur Louise Calleja li investigat dan il-kaz waqt il-kontro ezami (fol 113) qalet testwalment, "Mistoqsija jekkx xi evidenza ta' prostituzzjoni, nghid li le." Dan apparti c-cahda tal-istess imputati fl-istqarrija taghhom lill-pulizija. Ghalhekk din il-Qorti hija konvinta illi dakinhar tal-perkwizizzjoni fil-post imsemmi ma kienx qed isir prostituzzjoni min-nisa illi nstabu f'dan il-fond.

Rigward ir-raba' akkuza illi bhala operaturi ta' attivitajiet turistici hallew il-post f'xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew immoralità pubblika l-Qorti tirrileva illi t-tifsira ta' moralità pubblika hija wahda soggettiva ghall-ahhar u jiddependi mill-veduti personali ta' dak li jkun x'jiddeskrivi bhala moralment oggezzjonabbli jew le. Din ghaliex jista' jkun hemm kazijiet ta' ilbies mhux xieraq ovvju ghal xi uhud u anqas ovvji ghal ohrajn. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza deciza llum stess minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Donald Camilleri" fejn gie spjegat dan il-kuncett ta' morali pubbliku bil-gurisprudenza ricenti in materja. A skans

ta′ ripetizzjoni l-Qorti taghmel pjena riferenza ghal din is-sentenza, l-argumenti u l-gurisprudenza hemm ikkwotata u ghalhekk tasal ghall-konkluzjoni li ma hemm l-ebda prova illi saru xi attijiet immorali f′dan l-istabilment fil-hin jew qabel il-perkwizizzjoni tal-pulizija.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel pjenament mal-argument tal-ewwel Qorti illi "ma tezisti ebda prova, lanqas l-icken wahda li l-istabiliment jew parti minnu frekwentat jew mghadud li hu frekwentat ghal skopijiet ta′ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali ohra jew li l-imputati hallew jew ippermettew l-istabilment jew xi parti minnu jigi uzat bhala post ta′ laqgha ghal skop ta′ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali ...". Ghalhekk il-Qorti tichad in parti l-appell tal-Avukat Generali fejn huwa talab ir-riforma tas-sentenza u r-revoka ta′ dik il-parti fejn illiberat lill-imputati mill-ewwel erba′ imputazzjonijiet.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkonsidra l-appell tal-imputati fejn talbu r-riforma tas-sentenza appellata fis-sens illi tithassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabithom hatja ta′ ksur tar-regolamenti tax-xoghol u impjieg.

Ikkunsidrat:

L-appellati Duncan Fenech u Daniel Schembri qieghdin jargumentaw illi fil-fatt skont id-dokumenti illi hemm prezentati fl-atti irrizulta illi t-tfajliet kollha li nstabu f′dan il-fond kellhom il-permessi necessarji sabiex jahdmu Malta.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ezaminat id-dokumenti illi gew esebiti f'dawn l-atti u jidher illi l-argument tal-appellati ghandu l-fundament tieghu u wkoll ikkorroborat mix-xhieda ta' Graziella Cauchi ghan-nom tal-ETC fejn din xhedet fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2013 (fol 297) illi mil-lista li giet moghtija lilha irrizultalha persuna wahda biss li ma kellhiex permess. L-ohrajn illi ma kellhomx permess huma "self employed" u ghalhekk ma jirrikjedix permess min-naha tal-ETC. Min kienet din il-persuna però l-Qorti ma tistax tghid peress illi skont il-verbal tas-seduta fejn xhedet Graziella Cauchi din esebiet xi dokument liema dokument ma jidhirx illi huwa fl-atti. Lill-Qorti irrizultalha illi t-tfajliet li kienu qieghdin jahdmu f'dan l-istabiliment ma kinux kollha barranin u kien hemm xi wahda jew tnejn li kienu Maltin. Ghalhekk fin-nuqqas ta' indikazzjoni cara min kienet dik il-wahda li kienet qed tahdem minghajr permess din il-Qorti ma tistax tabbina din ir-responsabiltà fuq l-appellati. U hawn il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet lill-appellati hatja ta' ksur tar-regolamenti tax-xoghol u l-impjieg u jidhrilha illi f'dan il-kuntest l-appellati ghandhom ragun.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad in parti l-appell tal-Avukat Generali in kwantu talab ghar-riforma tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ma sabitx htija fuq l-ewwel erba' akkuzi, u tilqa' l-appell tal-imputati in kwantu talbu ghar-riforma tas-sentenza appellata billi tikkonferma fejn ma sabitx htija fuq l-ewwel erba' akkuzi u tirriformaha fejn sabet htija fuq il-hamsa, sitta u seba' akkuzi. Tiddikjara lill-appellati Duncan Fenech u Daniel Schembri bhala mhux hatja ta' dawn l-akkuzi u konsegwentement tordna illi jigu liberati minn kull imputazzjoni u htija. B'hekk ukoll il-Qorti qieghda tiddisponi mill-ewwel talba fir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------